TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Noel Emanuel Zahra

vs

Stop Shop Repair Centre

CCT 96/18/MS

10 ta' April 2019

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fit-2 ta' Lulju 2018 fejn talab ir-rifuzjoni ta' mija u ghoxrin Euro, prezz ta' mobile phone mixtri minghand l-azjenda intimata, liema mobile ma bediex jahdem tajjeb.

Ra r-risposta tal-azjenda intimata fejn qalet illi l-mobile phone ma kienx f'kundizzjoni tajba minhabba li kien intuza ghal sena u nofs izda kienet offriet ir-rikorrent nofs il-prezz tal-mobile - u cjoe' €60 - li seta' jintuza bhala kreditu favur mobile phone gdid. Ir-rikorrent irrifjuta din l-offerta. Oltre dan iddikjaraw li kienu lesti jaghtu lir-rikorrent sittin Euro cash-back jew mobile phone iehor bhal dak li kellu.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra.

Irrizulta mill-provi illi r-rikorrent xtara mobile phone tad-ditta Samsung (Trend 2 lite) minghand l-azjenda intimata f'April 2016. Xi hames xhur wara r-rikorrent innota li kien beda jimmajna (jisslowja) izda baqa' juzah. Xi sena wara mar lura ghand l-azjenda intimata u din qaltlu illi kellu bzonn jerga' jigi ssettjat (formatted). Ghalkemm ir-rikorrent mhuwiex cert fid-dati li jsemmi, jaf zgur li f'Jannar 2018 rega' mar ghand l-azjenda intimata u halla l-mobile phone hemmhekk ghax ma kienx qed jahdem. Minn dak in-nhar ma regax rah. Qalulu li kienu baghtuh il-Germanja u li ma jissewiex. Ighid illi gie offrut *replacement phone* li kien iktar antik minn dak li kellu izda qatt ma gie offrut flus.

Illi ghalkemm l-azjenda dahlet risposta hadd ma deher quddiem dan it-Tribunal biex jaghti l-versjoni taghha u ghalhekk it-Tribunal m'ghandux il-konfort ta' din il-versjoni.

Ikkunsidra

Illi ghalkemm ir-rikorrent ma kienx ghal kollox cert u preciz fid-dati illi ta lil dan it-Tribunal, gie ezebit Repair Sheet illi jgib id-data ta' 16 ta' Jannar 2018 - u cjoe xi sena u disa' xhur wara li l-mobile inxtara, bid-difett deskritt bhala "Software Problem - Stuck on logo". It-Tribunal m'ghandu l-ebda informazzjoni min-naha tal-azjenda intimata x'gara minn dan il-mobile mill-mument illi gie fil-pussess taghhom. Jibqa' l-fatt li r-rikorrent ma nghata l-ebda sodisfazzjoni x'tip ta' tiswija o meno sar fuq dan il-mobile phone u lanqas x'sar minnu. Li jaf biss huwa illi f'xi zmien il-mobile phone gralu xi hsara, gie fil-pussess tal-azjenda intimata u baqa' hemm. Fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2018 ir-rikorrenti kategorikament ighid illi minn dak in-nhar illi ha l-mobile ghand l-azjenda intimata "qatt ma rajtu aktar il-mobile."

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal jidhirlu li hemm nuqqas da parti tal-azjenda intimata meta dina ma tatx sodisfazzjon sufficjenti lir-rikorrent dwar x'sar mill-mobile li gie fdat fil-pussess taghha. Ir-rikorrent ighid li r-rapprezentant tal-azjenda intimata qallu li l-mobile ma jissewwiex. Kwindi peress illi l-mobile kien ghadu taht garanzija (7-4-16), ir-rikorrent kien intitolat li jew jiehu l-flus lura jew jinghata mobile iehor bhal dak li kellu. Ma giex ippruvat illi l-hsara li kellu l-mobile gie kkawzat minn xi traskuragni da parti tar-rikorrent li seta' jinvalida il-garanzija. Ghalhekk it-talba tar-rikorrent timmerita li tkun milqugha.

Ghal dawn il-motivi jaqta u jideciedi li jilqa' t-talba tar-rikorrent u jikundanna l-azjenda intimata li tirrifondilu s-somma ta' mija u ghoxrin Euro (€120.00). Bl-ispejjes kontra l-azjenda intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbirtru